# IT-TOROQ FL-GHASRI

## storja... drawwiet... u tifkiriet

– Tagħrif migbur minn **Toni Calleja** –

## 2: PJAZZA S-SALVATUR

**Daħla:**

Mal-medda taż-żmien kienu bosta dawk il-kittieba u lessikografi[1] li tawna d-definizzjoni tal-kelma **Misraħ**, allura Pjazza kif nifhmu biha llum. Fosthom insibu lil Abela-Ciantar (1647-1772) fil-*Malta Illustrata;* Agius De Soldanis, fl-1750; Mikiel Anton Vassalli, fl-1796; G.B. Falzon; A.E. Caruana, fl-1903; A. Preca, fl-1904; C.L. Dessoulavy, fl-1938;[2] u Giuseppe Barbera, fl-1940.[3]

Ir-Rabti Ninu Cremona, li flimkien mal-Għawdxi l-ieħor Ġużè Aquilina, nistgħu nqisuhom fost l-aqwa lingwisti Maltin, fl-1952, għamel summarju tat-tifsiriet li jagħtu l-lessikografi li semmejna qabel. Hu jgħid li kull min jiġi biex jifli n-nisel tal-kelma 'Misraħ', aktarx li jaħseb li dil-kelma setgħet tnisslet jew minn *seraħ* (Għarbi *sàraħa*) li għall-ewwel kienet tfisser: *ħeles, ħelles, ta l-libertà;* b'tifsira oħra ta': *ta l-mistrieħ,* bin-nom: *serħ* (Vassalli); jew minn *Issàra,* u għalhekk: *misraħ,* post fejn *jissaraw, jilagħbu* (Falzon): iżda din l-aħħar tifsira mhux ta' min jorbot fuqha, kif jidher ċar iżjed 'il quddiem.

Il-Prof. Dun Pietru Pawl Saydon,[4] taħt il-kelma *Misraħ,* igħid li fil-Għarbi l-kelma *seraħ* (minn fejn *misraħ*) tfisser *ħa l-merħla tirgħa,* eċċ.; *u ħadha barra (mill-maqjel) fil-wisa';* għalhekk *misraħ* ifisser *imkien fejn il-merħla tirgħa; wesgħa fejn wieħed jista' jimxi u jdur ħieles minn kull għaliq.*

Ninu Cremona jissokta jgħid li l-kelma Maltija *Misraħ,* aktarx, għalhekk, b'tusigħ ta' tifsir (semantika) ħadet maż-żmien it-tifsira ta' *wesgħa* fl-irħula, u l-iktar ta' dawk il-wesgħat ta' quddiem il-knejjes fejn in-nies tar-raħal jinġemgħu għal fil-għaxija wara x-xogħol biex iqattgħu xi siegħa jitħaddtu; post fejn dawn isibu l-faraġ u l-mistrieħ tagħhom. Għall-ewwel forsi hawn Malta wkoll il-kelma *misraħ* kellha t-tifsira ewlenija ta' *mergħa,* fejn *ir-raħħâl* kien jitlaq il-merħla jew il-bhejjem tiegħu jimirħu u jirgħaw, iżda mbagħad l-istess kelma *misraħ* ħadet it-tifsira sekondarja ta' kull *wesgħa fil-beraħ.* Qabbel: *Misraħ Għonqa; Misraħ il-Barrieri; l-Imsieraħ;* imbagħad fl-aħħar it-tifsira ta' wesgħa fl-irħula, l-iktar ta' dawk il-wesgħat li fl-irħula huma mdawrin bil-bini, b'mod partikulari dawk il-wesgħat ta' quddiem il-knisja.[5]

---

[1] Kittieb tas-sengħa li jiġbor il-kliem ta' lsien u jagħmel dizzjunarju, lessiku; min idomm il-kliem u jibni b'hekk vokabolarju; kompilatur, dammiem ta' miklem.

[2] Ara G[ozo] P[ublic] L[ibrary], no. U-IX-315.

[3] Ara GPL, no. U-VI-170, 4 Volumes.

[4] *Il-Malti,* Ġunju, 1931, p. 53.

[5] A. Cremona, *Varia Atque Breviora,* f'*Il-Malti*, Settembru 1952, pp. 86-88.

**Pjazza s-Salvatur**

Il-Pjazza tal-Għasri mhux minn dejjem kienet kif inhi llum. F'wieħed mir-ritratti antiki – ta' ċirka l-1910 – li hemm esibiti fis-sagristija tal-Knisja Parrokkjali, tidher il-pjazza b'għalqa f'nofsha, forma ta' xatba. Sa kamra ta' ħâra waħda, imsaqqfa bil-kileb u x-xorok kien hemm ġo fiha![6]

L-għalqa tan-nofs – li llum hija parti integrali minn Pjazza s-Salvatur – kienet mħollija lill-knisja l-ġdida tal-Għasri minn Tereża Galea, imwielda Camilleri (il-Merkanta: 1835-1916), permezz ta' l-aħħar volontà tagħha:

*"La suddetta Teresa vedova di Giuseppe Galea, testatrice lascia con titolo di legato alla Santa Chiesa di Gesù Nazzareno ancora in costruzione del villaggio Ghasri posta nel Villaggio Ghasri limiti di Citta Vittoria a che per essa una pezza di terra posta nel suddetto Villaggio Ghasri denominata* ***tal Misrah*** *in contrada omonima della capacità di mondelli due e mezzo confinata da levante, mezzodì, tramuntana e ponente con strada pubblica con tutti i suoi diritti e pertinenze, franca e libera".*[7]

**L-iżvilupp tal-pjazza**

F'Marzu, 1930, parti minn din l-art imbiegħet mill-Knisja tal-Għasri lill-Gvern bil-prezz nominali ta' £2,[8] biex setgħu jitwessgħu Triq il-Pjazza u Triq il-Fanal.[9]

Għax kellu bżonn il-flus, u biex jisforza lill-Gvern jixtri l-bqija ta' l-art li kien għad fadal f'nofs il-pjazza, kmieni fl-1937, il-Kappillan lagħab l-aħħar karta u talab il-permess biex ikun jista' jibni dar f'dik il-biċċa raba'.[10]

Naturalment, il-Gvern ċaħad il-permess mitlub mill-Kappillan tal-Għasri però ħaffef il-pass burokratiku tiegħu biex allura jixtri dik il-parti li kien għad fadal biex b'hekk il-pjazza ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali ssir kompletament art pubblika. Il-pjan tal-Kappillan ħadem; l-objettiv tiegħu intlaħaq![11]

Nhar is-17 ta' Novembru, 1936, il-Kappillan Dun Salv Scicluna għamel talba lill-Isqof Mons. Mikiel Gonzi biex ikun jista' jbiegħ il-kumplament tal-pjazza lill-Gvern bil-prezz ta' £35 skond l-istima tal-Perit.

L-Isqof Mikiel Gonzi permezz ta' Digriet maħruġ nhar il-15 ta' Diċembru, 1936, awtorizza l-bejgħ u biex il-Kappillan Scicluna jkun jista' jersaq għall-kuntratt mal-Gvern.[12] Il-kuntratt sar f'Awissu, 1937.[13] B'hekk il-pjazza setgħet issir kif allura nafuha llum – spazju pubbliku ta' 879 jarda kwadra jew 735.91 metri kwadri.[14]

---

6 Ara r-riproduzzjoni tiegħu f'***Il-Korpus*** 15 (1996), p. 51; u f'nru. 21 (2001), p. 14.

7 **A**[rkivju] **N**[utarili] **Għ**[awdex], kitba nutarili magħmula fl-Atti tan-Nutar Francesco Refalo tas-27 ta' Ġunju, 1914. Ara testment nru. 231/1914, pp. 1012-22.

8 AEG, CO, [GĦASRI], 4/268, p. 96. Taħt id-data tat-8 ta' Marzu, 1930 naqraw: *"Dal Governo per un pezzo della piazza venduta per decreto di Sua Ecc. Rev.ma. il Vescovo Mons. Gonzi".*

9 **N**[ational] **A**[rchives] **G**[ozo], **P**[ublic] **W**[orks], 03/09 [2/10/39 to 13/2/1931]. Widening Streets in Pjazza in front of Għasri Parish Church; pp. 170-173, 230 u 292-293.

10 *Ibid.*, PW, 03/21 [15/1/1936 to 2/2/1946]; pp. 344-346, u 350-351.

11 *Ibid.*, PW, 02/21 [20/10/1936 to 16/11/1937]; pp. 357-358, u 458.

12 AEG, Rikors 23/1938.

13 NAG, PW, 02/21, pp. 636-637.

14 *Ibid.*, PW, 03/21, pp. 282-283.

## L-iżvilupp tat-toroq tal-pjazza

It-toroq tal-pjazza ġew asfaltati għall-ewwel darba f'Ġunju, 1946 – fin-nofs tħalliet roqgħa triangulari bil-ħamrija u miżrugħa bis-siġar ta' l-olèander, bojod u ħomor, b'awrikarja f'nofshom. L-awrikarja hi aktar antika; tħawlet ċirka s-sena 1925 ***(ara ritratt faċċata).*** Imma dan l-iżvilupp biss ma kienx biżżejjed. Infatti f'ġurnal lokali ta' l-1949, xi ħadd li ffirma bil-pwesdonimu 'GĦASSIES GĦAWDXI' kiteb li: *"Il-Pjazza tal-Knisja tinħtieġ rikostruzzjoni"*.[15] Fir-rapport finali tal-Kummissjoni mwaqqfa b'Notifika tal-Gvern nru. 630, tal-15 ta' Ottubru, 1948, biex tistħarreġ dwar il-bżonnijiet ta' Għawdex, insibu kemm il-pjazza tal-Għasri, u d-djar fuq in-naħa tat-tramuntana tagħha, kienu jbatu bl-għargħar, u jenfasizza li l-qagħda tkun irrimedjata kemm jista' jkun malajr.[16]

Nhar it-23 ta' April, 1954 kien iffirmat ftehim bejn il-Gvern u l-kuntrattur Manwel Galea (Xewkija) biex l-art tal-pjazza tal-Għasri titbaxxa u tiġi livellata mill-ġdid.[17] Perkonsegwenza, inqalgħu s-siġar kollha li kien hemm miżrugħa barra l-awrikarja u tneħħew 399 jardi kubi ta' materjal. Finalment, f'Ġunju, 1954, il-pjazza kienet asfaltata mill-ġdid.[18]

Mnejn għadda l-ilma darba, jerġa jgħaddi, jgħid il-qawl.[19] U l-qawl ma jqulx għalxejn! Nhar l-24 ta' Mejju, 1989, madwar l-awrikarja sar *round-about* triangulari, tkisser l-asfalt, imtela bil-ħamrija u tħawwel bix-xtieli li jagħmlu ċerta warda safra. Ma ntgħoġobx. Sar latrina tal-klieb u l-qtates, u l-vetturi, speċjalment il-kbar, sabu diffikultà jimmanuvraw! L-Għasrin, aktar bi protesta milli b'vandaliżmu, qalgħu l-pjanti u serqu l-ħamrija! L-eżekuttiv ma webbisx rasu, tneħħa dak li kien fadal u minflok sar *round-about* ieħor iżgħar ta' forma tonda, ġie ċċangat bil-madum u saru tliet bankijiet għas-servizz tal-poplu. Nhar it-Tnejn u t-Tlieta, 17 u 18 ta' Ġunju, 1991, rispettivament, għall-ewwel darba, il-pjazza ngħatat it-*tarmac.*[20]

## Isem xieraq għall-Pjazza

L-istorja dejjem tirripeti ruħha. Hawn l-Għasri dejjem u kollox fl-aħħar! Ukoll il-Pjazza, fost sħabha kollha Għawdxin kienet l-aħħar waħda li tgħammdet! Infatti, 34 sena qabel ma l-Awtoritajiet ħassew li setgħu jikkonċedu għal bosta talbiet li sarulhom biex il-pjazza ewlenija tar-raħal jingħatalha isem, ċertu korrispondent kien kiteb hekk f'ġurnal lokali: *"Il-pjazza tal-Knisja* [tal-Għasri] *ma għandiex isem"*.[21] Għall-ġieħ ta'

---

[15] *L-Għawdex'*, it-Tielet Sena, nru. 65, tal-Ħadd, 23 ta' Novembru, 1949, p. 4.

[16] NAG, ZM 01/05 [Report of the Commission Appointed by Government to inquire into and report on the Requirements of the Island of Gozo]; Ara: *k)* Għasri and Għammar, pp. 45-46.
Ara wkoll: *IL-KORPUS* 21 (2001), p. 35.

[17] NAG, PW, 01/48 [Expence Ledger for 1954-55]; p. 109.

[18] *Ibid.*

[19] Għal dal-qawl partikulari, il-kotra tal-Għasrin, fosthom Missieri, flok: "Għax taf x'jgħid il-qawl", kienu jgħidu, "Għax taf x'jgħid it-Tork". 'It-Tork' kien il-laqam ta' ċertu Ġorġ Asciak, minn San Lawrenz, li kellu r-raba' fi Triq il-Ġonna. Ċirka l-1915, allura fi żmien li kien Viċendarju tal-Għasri, Dun Karm Caruana, dan Ġirġent (diminutiv ta' Ġorġ), kif kienu jsibuh, għoġbu jħallas minn butu għall-Via Sagra tal-knisja l-ġdida tagħna, illum dik Parrokkjali.

[20] Noti personali. Ara wkoll: *In-Nazzjon Tagħna,* nru. 5976 tat-18 ta' Mejju, 1989, p. 11.

[21] *Il-Berqa*, nru. 7,060 tal-Ħamis, 31 ta' Marzu, 1955, p. 7.



l-istorja tajjeb li nżommu nota ta' dawk it-talbiet li saru matul iż-żmien sakemm il-Pjazza tal-Għasri ma ngħatalhiex isem hi wkoll:

*i)* 1975: *"il-Pjazza tal-Għasri ma għandhiex isem, u n-nies jixtiequ li din il-Pjazza tissemma* PJAZZA SANTU KORP – *CORPUS CHRISTI SQUARE"*;[22]

*ii)* Ottubru, 1975: Żewġ talbiet oħra simili indirizzati lis-Sur Ġużeppi Cefai L.P., l-Assistent Segretarju għall-Għawdex; waħda mill-Kumitat Lokali tal-MLP u oħra mill-Kunsill Parrokkjali;

*iii)* 13 ta' Diċembru, 1982: ittra tiegħi biex il-misraħ ewlieni tar-raħal jissemma 'PJAZZA DUN KARM CARUANA'. Din it-talba saret fl-okkażjoni tat-tfassil tal-programm biex jiġi mfakkar l-ewwel ċentinarju mit-twelid ta' l-ex-Viċendarju u Benefattur tal-Għasri, Dun Karm Caruana; allura nhar it-18 ta' Mejju, 1983;

*iv)* Żewġ ittri oħra tiegħi lis-Sur Ġanni Bezzina, Segretarju Kumitat Ismijiet tat-Toroq, biex il-pjazza tissemma '**PJAZZA KRISTU EWKARISTIKU SALVATUR**'; ittri datati 22 ta' Novembru, 1984, u 24 ta' Lulju, 1985, rispettivament;

*v)* 1986: Mistoqsija Parlamentari mid-Deputat Laburista Għawdxi, l-Onor. Lino Debono, indirizzata lill-Ministru konċernat, biex il-pjazza prinċipali tal-Għasri tissemma 'PJAZZA EWKARISTIKU SALVATUR';[23]

*vi)* Marzu, 1988: Talba mill-Kumitat Lokali P.N. biex il-pjazza tal-Għasri tissemma 'PJAZZA KRISTU EWKARISTIKU SALVATUR'.

Finalment ix-xewqa tal-Għasrin intlaqgħet. Nhar it-Tlieta 27 ta' Ġunju, 1989, bis-saħħa tal-poteri mogħtija lilu bl-artiklu 22 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap 10), il-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja ordna li, fost oħrajn, il-Pjazza tal-Għasri tiġi msemmija **PJAZZA SALVATUR**.[24] Kumbinazzjoni dan il-jum kien jaħbat eżatt il-75 Anniversarju minn meta t-twajba Tereża Galea għoġobha tikteb; ossija tħalli: *"una pezza di terra denominata* ***tal Misrah****"*, allura l-Pjazza kif nafuha llum, favur il-knisja l-ġdida tal-Għasri li kien għadha qed tinbena!

F'qasir żmien, fil-pjazza twaħħlu żewġ tabelli tal-landa, bl-isem il-ġdid. Fuq dawn it-tabelli, ma' l-isem oriġinali kif imħabbar fil-Gazzetta tal-Gvern, ġustament ġie miżjud l-artiklu qabel 'Salvatur' biex b'mod aktar xieraq u li jiftiehem ġie jinqara: **'PJAZZA S-SALVATUR'**. F'nofs is-sena 1995, flok fuq il-landa, isem il-pjazza sar fuq l-irħam.[25]

---

[22] DUN ĠUŻEPP ZAMMIT lis-SUR ĠUŻEPPI CEFAI L.P., l-Assistent Segretarju għall-Għawdex, nhar il-21 ta' Lulju, 1975.

[23] **P**[arliamentary] **Q**[uestion] nru. 10,786, tas-17 ta' Novembru, 1986.

[24] **G**[azzetta] tal-**G**[vern] ta' **M**[alta], nru. 15,144, tat-Tlieta, 27 ta' Ġunju, 1989, p. 2828.

[25] **M**[inuti] **K**[unsill] **L**[okali] **Għ**[asri], laqgħat nri. 9, u 17, tal-21 ta' Ġunju, 1994, u t-12 ta' Jannar, 1995, rispettivament.